**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 01/K7/12**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 03/04/'12 284**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 03/04/'12 339**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta 3 t'April 2012.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-3.00 p.m.

1.03 Preżenti: Il-Kunsillier Peter Bonello
Il-Kunsilllier Charles Camenzuli
Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsillier Richard Scicluna
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Alexander Grech
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech.

1.04 Preżenza tal-Pubbliku:- (1).

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fid-29 ta' Marzu 2012. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Aċċettazzjoni ta' Kariga ta' Sindku
2. Aċċettazzjoni ta' Kariga ta' Viċi-Sindku

1.2.02 Il-Kunsillier John Agius, l-aktar anzjan, ippresieda l-laqgħa.

## 2. Aċċettazzjoni ta' Kariga ta' Sindku

2.01 Iċ-Ċermen John Agius fetah il-laqgħa u filwaqt li beda billi awgura lill-Kunsill, u ddikjara li minn fost il-kandidati tal-partit politiku li kiseb il-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri fl-Elezzjoni Lokali, l-Kunsillier Peter Bonello kiseb l-ogħla għadd ta' voti ma' l-ewwel għadd, għaldaqstant għandu jokkupa l-kariga ta' Sindku. Għalhekk staqsih jekk jaċċettax il-kariga.

2.02 Il-Kunsillier Peter Bonello ddikjara li jaċċetta l-kariga ta' Sindku.

2.03 Is-Sindku ħa l-presidenza tal-laqgħa. Hu rringrazzja lil dawk kollha prezenti u awgura li bil-ko-operazzjoni ta' kulħadd dan il-Kunsill jibqa' jaħdem kif dejjem ħadem fil-passat, jiġifieri li jġib l-ewwel lil-lokalita' qabel il-partiti politiċi. B'hekk il-Kunsill jibqa' jkun ta' suċċess għall-ġid tal-lokalita' kollha.

## 3. Aċċettazzjoni ta' Kariga ta' Viċi-Sindku

3.01 Iċ-Ċermen iddikjara li l-Kunsillier Charles Camenzuli kiseb it-tieni l-ogħla għadd ta' voti ma' l-ewwel għadd, minn fost il-kandidati tal-partit politiku li kiseb il-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri. Għaldaqstant għandu jokkupa l-kariga ta' Viċi-Sindku. Għalhekk staqsih jekk jaċċettax il-kariga.

3.02 Il-Kunsillier Charles Camenzuli ddikjara li jaċċetta l-kariga ta' Viċi-Sindku.

3.03 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

3.04 Ma kienx hemm oggezzjoni.

**4. Materji Oħra**

4.01 Ġie deċiz unanimament li l-laqgħat tal-Kunsill jibdew isiru kull l-aħħar nhar ta' Tlieta tax-xahar, minbarra f'Awwissu u Diċembru, fl-4:00p.m. u għax-xahar t'April 2012 il-laqgħa ser isir it-Tlieta 17 t'April 2012 fl-4:00p.m.;

4.02 Intalbet kjarifika dwar il-posta li jirċievi Il-Kunsill. Għalhekk il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja ta' Proċeduri ta' l-1996 dwar Kunsilli Lokali (Uffiċju) K.L.P. 8/96 - b.07.

4.03 Wara diskussjoni ġie deċiz unanimament li tintbagħat ittra lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jiġi kkjarifikat jekk ittra li tkun indirizzata lil xi Kunsillier u li ma jkollhiex miktub "personali" fuq l-*envelop*, għandhiex tinfetaħ mill-Amministrazzjoni.

4.04 Il-Kunsill ġie nfurmat li nħareġ l-avviż għat-tender għal bini ta' Rampa għal aċċessibilita' aħjar għal fuq il-moll ta' ħdejn il-Lukanda Cavallieri u nħareġ l-avviż biex tiġi rranġata l-mejda u s-siġġijiet tal-board room u jsiru żewġt siġġijiet oħra.

4.05 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fil-3.25p.m.

**Peter Bonello**
**Sindku**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**